MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 2/2005

**Felix Farrugia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Novembru, 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Decizjoni appellata:-

*"L-applikazzjoni tieghek ghall-Ghajnuna Ghall-Qaghad kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix aktar intitolat ghal din l- "Assistenza" ghaliex id-Direttur mhux tikkwalifika ghall-Ghajnuna socjali".*

L-appell:-

*"Nixtieq nappella mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali datata 30/4/03 dwar it-talba tieghi ghall-Ghajnuna ghall-qaghad.*

*Jien inhoss li d-decizjoni tad-Direttur m'hix gusta peress li:*

*Ghandi id-dawl maqtuh hallast id-dejn kollu u lanqas lira ma ghandi anzi ghandi id-dejn u il kont u l ircevuti taghthom kollha lil-Welfare".*

Risposta tad-Direttur:-

*1. "Illi l-appellant kien applika ghall-Ghajnuna Socjali ghad-Dizimpjieg fil-31 ta' Ottubru, 2002.*
*2. Illi it-talba tieghu giet michuda ghar-raguni li meta kien mistoqsi dwar kif iddispona mis-somma ta' Lm16,000 li huwa kien ircieva mill-Kumpanija Malta Drydocks taht l-iskema ta' l-irtirar, huwa allega li ma kien fadallu xejn minn dik is-somma ghax kellu hafna djun xi jhallas u ghalhekk, minkejja li pprezenta diversi speci ta skritturi private li jidhru li huma ta natura dubbjuza (liema skritturi private m'humiex accettati mid-Dipartiment ghax ma jurux id-dati ta dak iz-zmien ta meta sehhew il-fatti - dejn/djun brevi mani f'diversi okkazjonijiet), id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellant ma ddisponiex mill capital sabiex jikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali.*
*3. Illi ghalhekk fit -30 ta April 2003, id-Direttur informa lill-appellant bid-decizjoni negattiva tieghu.*
*4. Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principju ta' mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud".*

Nota responsiva tal-appellant:-

*"Jiena kelli naghti hafna flus lil erba persuni differenti peress li dawn kienu silfuni flus fuq l-idejn. Dan wassal biex id-dejn kiber minhabba l-imghaxijiet li tellawli. Sadattant meta kien sar maghruf li se tohrog l-Iskema ta' l-Irtirar kienu tad-Drydocks, indahlu erba persuni li halsuli dan id dejn bil patt li nroddilhom il-flus kif kelli nircievi s-somma mid-Drydocks u kif ghamilt."*

*“Tant jien ma ghandix flus li ma nistghax nrodd lura lil Bank of Valletta s-somma ta’ Lm1,500”.*

Xhieda ta’ Joseph Vella:-

*“Jiena lill-appellant ilni nafu minn meta konna zghar ghax trabbejna Bormla flimkien.*
*Jiena kont naf illi l-appellant ghandu dejn ma’ terzi li kienu qed jehdolu imghaxijiet bi l-gholi, pero’ jiena lil dawn in-nies ma nafx min huma. Jiena naf dan ghaliex kien jghidli l-istess appellant. Niftakar illi l-appellant kien qalli illi kellu jiehu somma mill-Malta Drydocks u talabni biex nesilfu Lm3,000 halli jhallas id-dejn li kellu, b’dan illi jaghtihomli lura appena jithallas mill-Malta Drydocks. Jiena peress illi ghandi hija d-Dockyard kont iccekkjajt mieghu biex nara jekk dak li kien qalli l-appellant hux minnu u hjia ikkonfermali li kien minnu. Ghalhekk jien kont sellift lill-appellant is-somma ta’ Lm3,000. Jiena lill-appellant is-somma ta’ Lm3,000 tajtielu fi flus kontanti. Jiena niftakar illi kont mort il-Bank il-Marsa flimkien mal-appellant xi ftit granet illi hu kien gie mhallas mill-Malta Drydocks, somma akbar minn dik illi hu kellu jaghti lili. Jien ma niftakarx liema Bank kien pero’ zgur illi fergha gewwa l-Marsa. Jiena mort ma’ l-appellant f’din il-fergha u wara illi l-appellant kellem lil min kellu jkellem jiena nghatajt fi flus kontanti s-somma ta’ Lm3,000. Jiena ma ffirmajt xejn dak in-nhar, la lill-appellant u lanqas lil Bank. Flimkien maghna kien hemm ukoll George Mizzi x-xhud illi xhed qabli. Qed nigi muri kopja ta’ skrittura bla data u naghraf il-firma tieghi fuqha. Jekk mhux sejjer zball jiena din kont iffirmajtha wara illi kont ircevejt lura l-flus, kif semmejt. Pero’ mhux dak in-nhar. Ma niftakarx pero’ meta kien. Meta jiena sliftu l-flus ma konna ghamilna l-ebda skrittura bejnietna, il-ftehim sar bil-fomm u dan ghamiltu ghaliex kont naf illi ghandu jiehu somma flus mid-Drydocks. Jiena veru illi seta’ jmur lura minn kellmtu peress illi ma kellniex l-ebda kitba bejnietna, pero’ jiena nghid illi marruli ohrajn lura u allura m’ghamiltx kitba. Dawn il-flus jiena ma gbidthom minn l-ebda Bank, meta sellifthomlu ghaliex dawn kienu ghandi qabel.”*

Xhieda ta’ George Mizzi:-

*Qed nesebixxi kopja tal-librett tal-kont li jiena ghandi fil-Bank of Valletta il-Hamrun, kont nru. 40011670010 u nirreferi ghall-ewwel depozitu hemm indikat bid-data tal-10 ta' Gunju 2002 u jiena nispjega illi fil-fatt dan jirraprezenta r-rifuzjoni tal-ammont li jiena kont slift lil Felix Farrugia fil-15 ta' Frar 2002. Jiena niftakar illi fl-10 ta' Gunju 2002 Felix Farrugia kien gie mieghi fil-fergha tal-Bank of Valletta gewwa l-Hamrun bic-cekk li huwa kien irceva mid-Drydocks u fil-fatt minnhom hu ddepozita fil-kont tieghi s-somma ta' Lm5,000. Fuq domanda tal-Arbitru ghaliex ic-cifra ndikata bhala depozitu hija Lm5,307 jiena nispjega illi apparti l-Lm5,000 illi tani Felix Farrugia, probabilment kont iddepozitajt xi haga ohra jiena.*
*Jiena minn Bormla u lil Felic ilni nafu kemm ghandi zmien. Jiena niftakar illi fl-10 ta' Gunju 2002 jiena kont rajt cekk f'idejn Felix Farrugia li kien irceva minghand id-Drydocks liema cekk kien ta' ammont akbar minn dak li gie depozitat fil-fatt fil-kont tieghi, jekk mhux sejjer zball kien cekk ta' circa Lm16,000/Lm17,000. Prezenti maghna kien hemm ukoll certu Joseph Vella illi kien mid-dehra silef xi flus lil Felix Farrugia u dakinhar ha s-somma li kellu jiehu, jekk mhux sejjer zball Lm3,000, kien hadhom fi flus kontanti fil-prezenza tieghi stess. Meta jiena kont slift flus lil Felix Farrugia hu kien qalli li kellu bzonn dawn il-flus sabiex ihallas lura flus li kien issellef b'imghaxijiet gholjin. Jiena il-flus li kont sliftu Lm5,000 fil-15 ta' Frar 2002, dawna jiena kont tajthomlu fi flus kontanti. Qed tigi murija lili kopja tal-iskrittura li gia tinsab fl-atti mmarkata bhala Dok. A u ngharaf il-firma tieghi fuqha. Niftakar ukoll li Felix Farrugia kien iffirma l-istess skrittura fil-prezenza tieghi.*

Xhieda ta' Paul Gatt:-

*Qed jinqrali l-affidavit li jien ghamilt quddiem in-Nutar Dr. Joe Cilia li gie pprezentat fis-seduta ta' llum u nikkonferma l-kontenut tal-istess. Jiena ilni naf lil Felix Farrugia minn meta kont zghir, prattikament ghomri kollu u fil-fatt ahna wkoll hbieb hafna. Jiena niftakar illi s-somma ta' Lm2,000 kont tajthomlu f'Jannar u kien tahomli lura f'Marzu, pero' bhala sena bhalissa m'iniex qed niftakar ezatt.*

Fl-10 ta’ Gunju 2004 l-Arbitru hareg dan id-digriet:-

*“Peress li fil-fehma tal-Arbitru il-provi prodotti ma humiex konkluzivi l-appellant ghandu permezz ta affidavit jiddikjara l-flus li huwa issellef minghand ix-xhieda minnu prodotta, lil min hallashom u meta u jipprezenta kopja ta’ l-iskritturi ta’ self li huwa allegatament ghamel ma dawn it-terzi u kopja tal-ircevuti tal hlas allegat”.*

Fis-27 ta’ Settembru 2004 l-appellantipprezenta affidavit tieghu:-

*“Jien hawn taht iffirmat Felix Farrugia li noqghod 6, Blokk numru 2, Tarag it-Tarznari l-Antiki Bormla bin numru tal karta tal Identita 301653 M niddikjara solennement u bil-gurament li:*

*1. F’Marzu ta’ l-2002 l-impjieg tieghi mat-tarzna gie tterminat u rcevejt is-somma ta’ Lm16000 bhala likwidazzjoni. Madankollu qabel ma rcevejt tali soma jiena kelli nissellef brevi manu minghand erbgha kredituri kif ser jigi spjegat fid dettal dan sabiex inkun nista nhallas dejn iehor liema skadenza ghal pagament kienet ghalqet. Dan id-dejn l-iehor jien kont hadtu minhabba l fatt li kont sfajt vitma ta l uzura.*

*Hekk kif jidher mid-dokumenti annessi tali self brevi manu sar hekk kif gej:*
*i) Fil 15 ta Frar 2002 minghand George Mizzi bin numru tal karta ta l-identita 426664 M is-somma ta Lm5000 li hallast lura fil-15 ta’ Marzu 2002,*
*ii) Fis-16 ta Frar 2002 minghand Joseph Vella bin numru tal karta ta’ l-identita 515082 M is soma ta Lm3000 li hallast lura fl-4 ta Marzu 2002,*
*iii) Fis-16 ta’ Jannar 2002 minghand Charles Vella bin numru tal karta ta l identita 319064 M is soma ta Lm500 li hallast lura fl-14 ta Marzu 2002,*
*iv) Fl-10 ta Jannar 2002 minghand Paul Gatt bin numru tal karta ta’ l-identita 457848M is soma ta Lm2000 li hallast lura fl-10 ta Marzu 2002.*

*3. Minbarra dan jien niddikjara wkoll li ghad ghandi nrodd lura flus frott ta self li jien ghamilt mal bank u li parti minnu ghadu sal llum dovut u aktar precizament is somma ta Lm1500.*

*4. Jien inoltre niddikjara illi kont ninstab minghajr impjieg sas-17 ta' Gunju 2004 u li ma kelli l ebda l ebda introjtu sahhansitra l-anqas biex immantni ruhhi ghall bzonnijiet bazici tal hajja ta kull jum."*

Minn ezami ta' dan l-ahhar affidavit jirrizulta illi l-appellant, nonostante mitlub specifikatament mill-Arbitru, baqa' ma iddikjarax il-flus li huwa issellef minghand ix-xhieda prodotti minnu, lil min skond hu hallashom bl-uzura. Ma ta ebda raguni ghal dan in-nuqqas. Una volta l-appellant ghazel li jissellef bl-uzura konsegwenza ta' liema huwa gie skond hu kostrett li jitlob l-ghajnuna socjali, lanqas li wiehed kien jistenna huwa li jikxef lil dawn it-talin sabiex jittiehdu kontra taghhom il-proceduri skond il-ligi.

Tali obbligu fuq l-appellant jippronunzja ruhu aktar una volta qed jitlob li jinghata ghajuna socjali mill-fondi pubblici. L-appellant baqa' ma indika lill-hadd u ghalhekk il-provi minnu prodotti ma jlahqux dak il-grad ta' prova li jwasslu f'min ser jiddeciedi dak il-konvinciment morali mehtieg fir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell."

Minn din is-sentenza appella Felix Farrugia. Huwa jimpunja l-motivazzjoni ta' l-Arbitru fis-sens illi huwa qatt ma ntalab li jsemmi l-persuni li taghhom kien vittma ta' uzura. Jikkontendi, inoltre, illi huwa gab provi sufficcjenti biex, fuq bazi ta' probabilita`, id-decizjoni tad-Direttur tigi mwarrba.

Ghal dawk li huma l-fatti essenzjali u antecedenti ghall-proceduri jirrizulta illi l-appellanti kien applika ghall-ghajnuna socjali ghad-dizimpjieg. Id-Direttur appellat ma kienx approva din l-applikazzjoni in kwantu sostna li ma

kienx sodisfatt li l-appellant ma ddisponiex mis-somma ricevuta mit-Tarzna taht l-iskema ta’ l-irtirar sabiex jikkwalifika ghall-ghajnuna socjali. L-assunt centrali ta’ l-appellant kien dak li hu kellu jaghti bosta flejjes lil erba’ persuni li minghandhom issellef b’ imghaxijiet uzurarji u s-somma kapitali ricevuta mit-Tarzna serviet ghal dan l-iskop. Id-direttur ma kienx hekk sodisfatt minn din l-ispjegazzjoni jew pjuttost kien sodisfatt mill-kuntrarju ghaliex l-ispjegazzjoni lilu moghtija mill-applikant jew ic-cirkostanzi tal-kaz ma nehhewx id-dubbju, fil-fehma tieghu, illi l-applikant kien iddispona mill-kapital ghall-skop li jibbenefika mill-ghajnuna socjali. Jekk din id-deduzzjoni hijiex fondata jew le jiddependi mill-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil provi.

Fl-ewwel parti tal-kontestazzjoni tieghu kontra s-sentenza appellata l-appellanti jissottometti li r-ragonament ta’ l-Arbitru kien vizzjat minn attitudni errata. Dan ghaliex, skond hu, ma giex mitlub li jsemmi l-persuni li minghandhom issellef b’ imghaxijiet illeciti u projbiti mil-ligi. Il-Qorti ezaminat l-inkartament tal-kaz u ssib li din il-kritika hi ghal kollox ingustifikata;

Jirrizulta mill-ordinanza ta’ l-Arbitru tal-10 ta’ Gunju 2004 illi dan talab lill-appellant biex permezz ta’ affidavit (a) jiddikjara l-flus li huwa ssellef minghand ix-xhieda minnu prodotti, (b) lil min hallashom u meta u (c) jipprezenta kopji ta’ l-iskritturi ta’ self li huwa allegatament ghamel ma’ terzi u jipproduci kopji tar-ricevuti tal-hlas;

Mill-kontenut ta’ din l-ordinanza ma jistax jinghad li l-Arbitru ma nsistiex ghall-ahjar prova li kienet fil-poter ta’ l-appellanti li jipproduci, kif hekk del resto irid l-Artikolu 559, Kapitolu 12. Din l-ordni saret izda l-appellanti naqas li jottempera ruhu u baqa’ ma ndikax lil min hallas lura s-self u meta dan sehh. Ghal dan in-nuqqas l-appellanti ma jistax hlief ilum lilu nnifsu u mhux sewwa li issa jikkritika lill-Arbitru li rrileva dan in-nuqqas fis-sentenza appellata. Kuntrarjament ghal dak argomentat mill-appellant, jew suggerit minnu, l-Arbitru ma telaq minn ebda prekoncetti li setghu jfixkluh milli jezercita l-gudizzju tieghu sew u

regolarment. Huwa ikkonstata n-nuqqas u gibed b' riflessjoni illi l-anqas li wiehed kien jistenna li l-appellanti jindika l-ismijiet tal-persuni li minghandhom issellef sabiex jittiehdu skond il-ligi l-proceduri okkorrenti;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti, una volta l-appellanti ppretenda bi dritt li jibbenefika mill-ghajnuna socjali, kien mistenni minghandu li qabel xejn, jekk tassew issellef b' uzura, illi hu stess jiehu passi gudizzjarji fil-konfront ta' min sellfu biex jirrikjama fil-patrimonju tieghu r-restituzzjoni tal-flejjes mhallsa bhala imghaxijiet kontra l-ligi. Hu pacifiku illi "l-konvenzjoni affetta b' uzura hija, ghal dak li jirrigward l-uzura, nulla b' mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mil-ligi, u hija illecita fil-konfront tal-mutwant … Ghalhekk is-somma mhallsa bhala uzura ghandha tigi restitwita lil min hallasha, u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 263**). L-appellanti kellu ragonevolment jadopera dan il-mezz ghas-salvagwardja ta' l-interessi patrimonjali tieghu. Kif kellha okkazjoni f' aktar minn kaz wiehed tirrileva din il-Qorti "mhux konsentit lil hadd illi taht skuza jew ohra jqieghed ruhu f' sitwazzjoni, anke kieku stess mhux semplicement simulata, ta' minorata solvibilita` apparenti biex minn fuq jippretendi b' jedd l-ezercizju tad-drittijiet tieghu bis-semplici invokazzjoni tal-ligi li turi x' inhi l-iskala li kellha tiggwida lil min kellu jipprestalu l-beneficcju. Din certament mhix imgieba ta' *bonus peterfamilias* li hu kellu maggorment ihares u josserva gjaladarba f' dan id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali." - "**Mary Borg -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 23 ta' Frar 2005;

Kieku vermanet l-appellanti ried li l-fatt ta' l-uzura ghandu jinghata l-interpretazzjoni li jixraqlu, ma kellux jibqa' sieket dwarha imma jforni l-informazzjoni rikjesta minghandu. L-oneru tal-prova kienet inkombenti fuqu ghax kien hu li allega l-fatt. Hu kellu l-obbligu li jidentifika bi precizjoni dak li ntalab minnu ghall-formazzjoni tal-konvinciment ta'

l-Arbitru. Din il-prova ma saretx jew ghallanqas ma lahqetx il-grad rikjest mil-ligi. L-appellanti ma jistax jippretendi li l-Arbitru, u issa din il-Qorti, joqghodu fuq il-holqien ta’ suspett generiku bit-tama li dan ikollu xi nfluwenza fuq il-gudizzju taghhom. L-allegazzjoni wahidha, mhix sostenuta bi prova adegwata, serja u attendibbli, ma tistax tipproduci l-effett guridiku determinanti mixtieq mill-appellanti;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ gudizzju ta’ l-Arbitru, anke ghaliex, fil-verita`, ma ngiebu ebda argomenti sostanzjali jew motivi gravi biex iggieghel lill-Qorti tallontana ruhha mir-ragonament u konkluzjoni dedotti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------